MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 33/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) dovuti lilhom in linea ta' danni sofferti minnhom per konsegwenza tal-fatt li inti qbadt u dhalt fir-raba' taghhom maghruf bhala "Tal-Hireb" fil-limiti ta' Triq il-Forn fil-Qala, Ghawdex u dana stante illi bl-agir tieghek gew maqlugha numri kbir ta' sigar tal-bajtar, tkissret dukkara, twaqqghu hitan, thalla hafna materjal fuq il-post u l-art kollha tballtet bil-crane li inti dahhalt fil-propjeta' ta' l-atturi.

Il-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta' l-ittra interpellatorja tat-23 ta' April 200, ta' l-ittra ufficjali spedita fl-10 ta' Marzu 2005 u l-ispejjes ta' din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni"

Ra li ma gietipprezentata l-ebda risposta ghalkemm giet ipprezentata skrittura ta' transazzjoni li a bazi taghha l-avukati tal-partijiet kontendenti talbu sentenza fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2005.

Ghalqadstant a tenur tal-istess transazzjoni t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut ghal-hlas ta' Lm200 ghas-saldu tal-pretenzjonijiet tal-attur fl-avviz tat-talba. Kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dan l-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------